**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)**

**Kump. Numru: 702/2019**

**Il-Pulizija**
**(Supt. Fabian Fleri)**
**(Spett. Lydon Zammit)**
**(Spett. Oriana Spiteri)**

**Vs**

**Sean Grech**
**(K.I. 81790M)**

**Illum, 06 ta' Novembru 2023**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Sean Grech ta' 29 sena, iben Joseph u Antonia nee' Stivala, imwieled Pietà nhar it-3 ta' Frar 1990, residenti ġewwa Hubbard Flats Block 7, Flat 4, Triq Alessandra, Bormla u detentur tal-Karta ta' l-Identità numru 81790M fejn huwa ġie akkużat:

1. Talli fit-8 ta' Ottubru 2019 għall-ħabta tal-ħamsa nieqsin għoxrin ta' filgħodu, minn ġewwa numru 54 Triq San Ġorġ, Bormla kkommetta serq ta' ġojjellerija, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza diretta fuq il-persuna anzjana ta' Emanuel Bugeja ta' 71 sena li hija persuna anzjana, bil-

mezz, bil-valur li jeċċedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), bil-lok u bil-ħin u dan sar għad-dannu tal-istess Emmanuel Bugeja;

2. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi ikkaġuna ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Emanuel Bugeja anzjan ta' 71 sena skont kif iċċertifika Dr Simon Micallef mill-Isptar Mater Dei;

3. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Emanuel Bugeja kontra l-volontà tiegħu;

4. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi kiser il-provvediment tal-Kap 446 artiklu 7 tal-liġijiet ta' Malta imposti fuqu b' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr Natasha Galea Sciberras LL.D datata 30 ta' Awwissu 2019, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi irrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artiklu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412Ċ tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurtà ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat in-nota ta' rinviju għall-ġudizzju maħruġa mill-Avukat Ġenerali datati l-25 ta' Marzu 2021[1] fejn indika li l-akkużat għandu jinstab ħati taħt dak li hemm maħsub:

- fl-Artikoli 261(a)(b)(ċ)(e)(f), 262(1)(a)(b)(2), 263, 264, 266, 267, 269(g), 270, 274(a)(b), 275, 276A, 277(b) u 280(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

- fl-Artikoli 214, 215, 216, 218 u 222A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

- fl-Artikoli 86 u 87(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

- fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

- fl-Artikoli 7, 15A, 17, 20, 23, 23B, 23Ċ, 28A, 28B, 31, 289, 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

liema Artikoli nqraw fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2021 fejn l-akkużat iddikjara illi m'għandux oġġezzjoni li jiġi ġudikat minn din il-Qorti.

Rat li l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta nhar it-28 ta' Lulju 2021 tramite l-Assenjazzjoni maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2021, il-prosekuzzjoni u d-difiża eżentaw lil dina l-Qorti kif presjeduta milli terġa tisma' x-xhieda u milli terġa tara d-dokumenti kollha ppreżentati sa dakinhar.

[1] A fol. 463A tal-atti proċesswali.

Rat id-dokumenti kollha eżebiti, inkluża l-Fedina Penali tal-akkużat;

Rat ix-xhieda mogħtija;

Smegħet it-trattazzjoni tal-kawża;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza finali;

Ikkonsidrat;

Illi l-fatti tal-każ huma li dakinhar tat-08 ta' Ottubru 2019, għall-ħabta tal-05:00hrs, il-pulizija rċevew telefonata illi kienet għadha kemm seħħet serqa minn ġewwa 54 Triq San Ġorġ, Bormla, li hija r-residenza ta' Emanuel Bugeja, fejn l-istess Bugeja kien safa' aggredit mill-malvivent li kien serqu. Il-pulizija[2] marru fuq il-post u hemmhekk il-vittma spjega li l-aggressur tela' mal-faċċata u daħal mill-gallarija waqt li kien rieqed. Bugeja mar biex iżommu u safa' aggredit. Minn hemm il-vittma ttieħed l-Isptar Mater Dei fejn ġie ċċertifikat minn Dr. Simon Micallef li kien qed isofri minn ġrieħi ta' natura serja. Fuq il-post nstabu mus u xalla sewda li ma kienux jappartjenu lill-parte ċivile. Infetħet ukoll *in genere* dwar dan il-każ. Waqt li kien l-isptar Mater Dei, il-parte ċivile ġie mitkellem ukoll minn PS1337 Kevin Curmi.[3]

Illi l-parte ċivile Emanuel Bugeja xehed[4] illi dakinhar hu kien rieqed fil-kamra tas-sodda fl-ewwel sular u sema' t-tħaxwix tal-purtiera. Qam u sab persuna fuqu u qallu "tini li għandek, tini li għandek" u beda jtiħ bil-ponn. Qal li l-aggressur tela' mal-katusa u daħal mill-gallarija. L-agressur kellu wiċċu mgħotti b'xalla u kien liebes kollox iswed. Xehed li nsterqulu żewġt iċpiepet, waħda tad-ditta Rolex u l-oħra ordinarja kif ukoll ġiżirana bajda u safra tad-deheb. Dawn l-oġġetti misruqa kienu fuq persuntu waqt li kien rieqed u l-malvivent ġibidhom minn fuqu. Il-vittma beda jgħajjat għall-

[2] Senjatament, **PS1576 Simon Grech** (ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-12 ta' Diċembru 2019, a fol. 50 tal-atti proċesswali); **PC 226 Karl Pace** (ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-12 ta' Diċembru 2019, a fol. 59 tal-atti proċesswali) u **PC1234 Daniel Spiteri** (ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-12 ta' Diċembru 2019, a fol. 63 tal-atti proċesswali).
[3] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fis-17 ta' Jannar 2020, a fol. 186 tal-atti proċesswali.
[4] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-28 ta' Novembru 2019, a fol. 35 tal-atti proċesswali.

għajnuna u semgħu ta' faċċata tiegħu, Mario Mizzi, u dan ċempel lil Pulizija. Qal li hekk kif spiċċat l-aggressjoni, il-malvivent niżel mit-taraġ u ħareġ mill-bieb ta' barra tar-residenza tal-vittma. Qal li waqt l-aggressjoni, il-parte ċivile ġibed ix-xalla minn ma' wiċċ l-aggressur però kien dlam wisq biex jaralu wiċċu. Ix-xalla waqgħet ma' l-art u l-aggressur telaq mingħajrha. Ladarba ġew il-pulizija u l-ambulanza, l-parte ċivile mar l-isptar għall-kura. Meta tkellem mal-Pulizija, hu stqarr li kellu suspett f'żewġ persuni, ċioè l-akkużat Sean Grech u persuna oħra.

Kif jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu,[5] Emanuel Bugeja kellu 71 sena fid-data tal-aggressjoni. Huwa ppreżenta wkoll riċevuti tal-oġġetti misruqa[6] li b'kollox jammontaw għal €5,235.[7] Meta reġa' xehed in kontro-eżami[8] ikkjarifika li huwa kellu ċ-ċinga tad-ditta Rolex fuqu u mhux arloġġ. Qal li darba fil-passat kien daħħal xi ħbieb id-dar u serqulu xi ċurkett. Qal li wara s-serqa *de quo* hu kien sab ix-xalla fil-kamra tiegħu. Qal li waqt li kien qed jipprova jsejjaħ għall-għajnuna, l-aggressur kien qed iżommlu ħalqu b'idejh u anke kellu qisu mus fuqu. Qal li l-agressur ma bediex jgħafas ħafna fuq għonqu waqt li kien qed iżommlu ħalqu. Qal li sal-lum għadu ma għarafx il-vuċi tal-aggressur. Qal li kienu jmorru xi ħbieb għandu wkoll. Qal li l-aggressur talbu l-arloġġ fil-mument li kien diġà ġibidlu l-ġojjellerija minn idu u għonqu. Qal li hu u l-akkużat ġieli xorbu l-birra flimkien. Kien ilu jafu madwar ħames snin u qatt ma ra għajn ħażina mingħandu.

Xehed ukoll Dr. Simon Micallef[9] fejn ikkonferma ċ-ċertifikat mediku minnu maħruġ[10] u kkonferma li huwa eżamina l-parte ċivile fl-Isptar Mater Dei fejn ra li kellu ksur f'imnieħru u nefħa u tbenġila madwar għajnejh in-naħa tax-xellug u qata' superfiċjali in-naħa tal-lemin ta' għajnejh. Hu kklassifika

---

[5] Ara Dok "LZ5", a fol 33 tal-atti proċesswali.
[6] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-23 ta' Ġunju 2020, a fol. 402 tal-atti proċesswali.
[7] Rappreżentanti Giżirana fl-ammont ta' €1,000 (dok AD 1 a fol. 408) u brazzuletta fl-ammont ta' €4,235 (Dok AD 3 a fol. 410). Illi dawn il-fatturi ġew ikkonfermati bil-ġurament minn Carlo Zampa, il-fornitur tagħhom, fis-seduta tas-26 ta' Ġunju 2020, a fol. 417 tal-atti proċesswali.
[8] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fil-11 ta' Ottubru 2022, a fol. 523 tal-atti proċesswali.
[9] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-12 ta' Diċembru 2019, a fol. 48 tal-atti proċesswali.
[10] Ara Dok "LZ2", a fol 31 tal-atti proċesswali.

dawn il-ġrieħi bħala ta' natura gravi. Ġie ppreżentat ukoll il-*Case Summary Report* fir-rigward tal-kura li ngħata l-vittma fl-Isptar Mater Dei.[11]

Xehed ukoll PC1087 Roderick Degiorgio[12] fejn qal li l-għada li seħħ dan l-inċident, hu mar fir-residenza tal-parte ċivile u ġabar il-filmati mis-CCTV cameras relevanti għall-fejn seħħ dan il-każ. Qal li dakinhar, il-parte ċivile qallu li kien sab ix-xalla sewda mal-art d-dar tiegħu u din ġiet elevata minn PS1337 u ġiet mgħoddija lill-forensika għal aktar investigazzjoni. Il-parte ċivile kien indika wkoll xi persuni li kellu suspett dwarhom u PC1087 eleva wkoll filmati ta' CCTV cameras fil-viċinanzi ta' fejn kienu jirrisjedu dawn is-suspettati. F'filmat minnhom meħud minn Triq Riccardo Taylor, Bormla, tidher vettura tat-tip Skoda ħierġa minn parkeġġ f'dik it-triq, bla dwal u tirriversja fit-triq u terġa' tmur fil-post fejn kienet ipparkjata, biex wara ftit tidher persuna maskili miexja u baqgħet sejra 'l hemm. Wara ftit tidher l-istess persuna miexja b'basket f'idejha. Qal li dik il-persuna tidher qed toħroġ biċċa drapp mill-basket u tefagħtha fuq spallitha. Qal li meta mistoqsi, l-akkużat Sean Grech ikkonferma li dik il-persuna huwa hu stess. Din il-persuna tidher tielgħa fi Triq l-Oratorju li għandha *side street* li jisimiha Triq San Ġorġ, fejn seħħet is-serqa. Mill-cameras tal-parte ċivile tidher din il-persuna b'wiċċha mgħammad b'xi tip ta' ċarruta qed jiġri. Din il-persuna tidher tieqaf quddiem id-dar tal-parte civile u tielgħa mal-katusa tal-faċċata. F'din il-camera inqabad b'mod ċar iż-żarbun li kien liebes il-malvivent, li huwa l-istess żarbun tal-persuna li tidher fi Triq Riccardo Taylor. Meta tidher persuna ħierġa mill-bieb ta' barra tal-binja fejn jirrisjedi l-parte ċivile, wiċċu ma kienx mgħammad u kien qed iżomm il-ġakketa b'tali mod biex jgħatti wiċċu.

PC226 Karl Pace xehed[13] illi dakinhar tal-akkadut huwa kien stazzjonat bħala xufier l-għassa ta' Bormla u rċevew telefonata anonima li kienet saret serqa u aggressjoni fl-indirizz *de quo.* Hu mar fuq il-post u hemm ra lill-

[11] Ara Dok "CC" a fol. 493 tal-atti proċesswali.
[12] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fis-17 ta' Jannar 2020, a fol. 190 tal-atti proċesswali.
[13] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fit-12 ta' Diċembru 2019, a fol. 59 tal-atti proċesswali.

vittma. Mistoqsi in kontro-eżami[14] hu jikkonferma li l-vittma kien ta l-verżjoni tiegħu lill-kollega tiegħu PC 1234 fil-preżenza tiegħu. Qal li hu ra l-cameras u li l-vittma kellu xi dmija ma wiċċu.

Illi mir-rapport ppreżentat mill-espert maħtur fl-*in ġenere* Keith Cutajar[15] jirriżulta illi huwa eżamina filmati meħuda minn sitt sistemi differenti ta' cameras tas-sigurtà. Mir-rapport jirriżulta s-segwenti:

- Il-vittma fir-residenza tiegħu fi Triq San Ġorġ kellu sistema ta' sigurtà li tikkonsisti minn żewġ cameras installati fuq bnadi diversi tal-faċċata. Minn "Camera 1" tidher persuna liebsa qisu *hoodie* ta' kulur blu ħierġa mill-bieb ta' barra u tiġri lejn ix-xellug tar-residenza, għall-ħabta ta' 04:45am. Minn "Camera 2" tidher persuna liebsa *hoodie* blu, però b'wiċċu mgħotti din id-darba, tielgħa mal-katusa tal-faċċata tar-residenza tal-vittma, għall-ħabta ta' tal-04:30am. Mistoqsi in kontro-eżami[16] spjega li l-każ seħħ bil-lejl u għaldaqstant l-cameras jaraw bit-teknoloġija tal-*infra red*. Din it-teknoloġija ġieli taqleb xi kuluri u fir-rapport tiegħu qal li kkonkluda li l-kulur tal-flokk huwa blu għax hekk jidher mill-filmat. Qal li d-dettall tal-filmat huwa limitat hu għalkemm fil-fehma tiegħu jidher li l-malvivent liebes *hoodie*, jista' jkun li sempliċiment tella' l-flokk fuq rasu. Qal li l-persuna li tidher ħierġa mill-bieb ta' barra hija l-istess persuna li ftit qabel dehret tielgħa mal-katusa tal-faċċata.

- It-tieni sistema li ġiet analizzata hija dik ta' residenza oħra fl-istess Triq San Ġorġ, Bormla. Minn dan il-filmat jirriżulta persuna tielgħa mal-katusi tar-residenza tal-vittma għall-ħabta ta' 04:30am. Tidher ukoll persuna ħierġa mill-bieb tar-residenza tal-vittma għall-ħabta ta' 04:45am. Mistoqsi in kontro-eżami spjega li l-kwalità ta' dan il-filmat hija inferjuri għas-sistema li kellu l-vittma. Hu jikkonferma li din il-persuna hija l-istess waħda li tidher mill-cameras tal-vittma

[14] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija l-20 ta' Ġunju 2022, a fol. 483 tal-atti proċesswali.
[15] Ara Dok KC a fol 134 tal-atti proċesswali
[16] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fid-29 ta' Lulju 2022, a fol. 494 tal-atti proċesswali.

kemm minħabba l-ħin, kif ukoll minħabba l-ippożizzjonar tal-*cameras*.

- It-tielet sistema li ġiet analizzata hija ta' Hotel fi Triq l-Oratorju li tinsab fuq il-Punent ta' Triq San Ġorġ Preca. F'dan il-filmat ma tidher ebda persuna għaddejja fil-ħin tal-każ. Mistoqsi in kontro-eżami, Cutajar jispjega li l-għan ta' dan il-filmat huwa biex jikkonferma li l-malvivent ma għaddiex minn din in-naħa tat-triq.

- Ir-raba' sistema analizzata hija dik ta' ħanut fi Triq l-Oratorju li tinsab fuq il-Lvant ta' Triq San Ġorġ Preca. Minn dan il-filmat jidher illi fis-01:50am xi persuna qasam it-triq biex imur ħdejn il-camera u filfatt tidher id li qed tbiddel id-direzzjoni tal-camera biex tħares lejn il-ħajt. F'din il-camera tidher persuna liebes hoodie. In kontro-eżami jgħid li ma jidhirx kulur fil-flokk ta' din il-persuna peress li s-sistema kienet qed taħdem bl-infra-red u aktarx li f'dak il-mument inqalbet f'monochrome.

- Il-ħames sistema analizzata hija dik mir-residenza fi Triq Alessandra, Bormla. Minn dan il-filmat ma joħroġ xejn ta' interess, li allura turi li l-malvivent ma għaddiex minn din il-parti tat-triq, iżda minn parti oħra.

- Is-sitt sistema analizzata hija dik mir-residenza fi Triq Rikkardu Taylor, Bormla. Din is-sistema għandha żewġ cameras. Mill-filmat meħud minn "Camera 1" tidher persuna miexja b'basket f'idejha għall-ħabta tal-04:15am. Mill-filmat ta' "Camera 2" tidher persuna b'basket f'idejha jieqaf fil-kantuniera jilbes xi ħaġa. Din il-persuna tidher miexja lejn "Camera 2" u din l-istess camera taqbad viżwal ta' wiċċ din il-persuna, li issa kienet liebsa flokk taċ-ċingi iswed u li jidher li fuq spalltu l-leminija għandu xi tpinġija. Mistoqsi in kontro-eżami dwar jekk hijiex *hoodie* li għandu fuq spalltu, Keith Cutajar qal li ma jistax jgħid peress li l-persuna għandha wiċċha lejn il-camera u b'hekk ma tafx x'hemm wara rasha. Jikkonferma però li

għalkemm ma jistax jiddefinixxi preċiżament x'inhi dik il-biċċa ħwejjeġ, huwa jiddeskriviha bħala "a light garment".

Huwa jikkonkludi li s-serqa seħħet għall-ħabta tal-04:40hrs nhar it-08 ta' Ottubru 2019. Hu kkonferma li d-diversi filmati ttieħdu minn diversi cameras li kien hemm fit-triq li mexa l-malvivent. Qal li l-ħinijiet li eżamina kienu dawk tat-8 ta' Ottubru 2019 bejn l-4:00am u l-5:15am

Fl-ewwel stqarrija rilaxxata minnu[17] Sean Grech ikkonferma li hu jaf lill-parte ċivile għaliex ġieli jkun tielgħa bil-klieb. Qal li hu ġieli daħal id-dar tiegħu però kien ilu xhur ma jmur. Huwa ta deskrizzjoni tad-dar tal-parte ċivile. Huwa ċaħad madanakollu li kellu xi nvolviment f'dan il-każ. Qal li sar jaf b'din is-serqa u li l-parte ċivile anke ssawwat xi jiem wara mingħand sħabu. Qalulu wkoll x'oġġetti nsterqu. Dwar il-fatt li mill-filmati jidher fil-viċinanzi tad-dar tal-parte ċivile f'dak il-lejl tas-serqa fil-4:20am qal li hu jgħix fil-viċinanzi tal-parte ċivile. Qal li ġieli jkun hemm jistenna lil dik il-persuna li għandha l-iSkoda. Fit-tieni stqarrija rilaxxata minnu[18] għall-fatt li nstab id-DNA tiegħu fuq ix-xalla li tħalliet mill-aggressur fid-dar tal-parte ċivile, l-akkużat qal li ma kellux x'jaqsam. Qal li kien fil-viċinanzi tad-dar tal-parte ċivile f'dawk il-ħinijiet għaliex kważi kuljum ikun hemm. Daqqa' jinqabad bla sigarett; daqqa jmur jara jekk Grezzju jkunx fetaħ u jmur għall-ħobż u l-ħalib. Qal li hemm persuna li jismu Charlie li jaraħ kważi kuljum għaddej minn hemm waqt li jkun sejjer għax-xogħol. Qal li spiss ikun imqajjem fl-4.15am u li ta spiss jiltaqa' ma Toni, li għandu Skoda. Ma jafx x'għamel wara li ltaqa' miegħu. Meta mistoqsi diversi drabi biex jirrakkonta x'għamel fil-lejl tal-inċident, l-akkużat baqa' jinsisti li ma jiftakarx. Ma kienx lanqas f'posizzjoni li jispjega għalfejn telaq jiġri wara li ltaqa' ma' tal-iSkoda. Meta kkonfrontat b'persuni oħra li taw informazzjoni lill-pulizija, l-akkużat isir evażiv ħafna u beda jiċħad kollox u qal li dawn inxtraw. Qal li hu jżomm xi ħwejjeġ f'kerreja fil-viċinanzi u li aktarx ħadulu x-xalla minn hemm u marru jwettqu l-aggressjoni biha.

---

[17] Ara t-traskrizzjoni a fol. 199 tal-atti proċesswali.
[18] Ara t-traskrizzjoni a fol. 223 tal-atti proċesswali.

Xehdet ukoll Dr Marisa Cassar[19] li kkonfermat li mix-xalla li nstabet fuq il-post tad-delitt ħareġ profil ġenetiku mħallat kemm ta' Emanuel Bugeja kif ukoll tal-akkużat Sean Grech. Hija ppreżentat ukoll ir-rapport tagħha.[20] In kontro-eżami[21] qalet li d-DNA mħallat tal-vittma u ta' Sean Grech kien maċ-ċarruta kollha. Qalet li għalkemm ma tistax tiddetermina il-perjodu ta' meta l-kampjun tad-DNA spiċċa fuq iċ-ċarruta u li d-DNA tista' ddum għal perjodu twil, jekk l-ambjent ta' fejn din tkun ma jkunux ideali, aktar ma jgħaddi żmien aktar hemm ċans li d-DNA jitħassar minħabba problemi ta' storage.

Xehed Dr. Mario Scerri[22] fejn ikkonferma r-rapport minnu ppreżentat.[23] Mir-rapport jirriżulta illi l-vitma kellu *peri-orbital hematoma* madawar l-għajn ix-xellugija, akkumpanjata minn tbenġila ta' kulur vjola u *subconjunctival haemorrhage*. Fuq is-*supra-orbital ridge* tax-xellug kien hemm ukoll tbenġila. Kien hemm abrażjonijiet fuq l-imnieħer li kien minfuħ. Kien hemm abrażjoni assoċjata ma' tbenġila ta' kulur vjola fuq in-naħa tax-xellug tal-wiċċ u tbenġila ta' kulur vjola fuq il-widna x-xellugija. Kellu abrażjoni fuq l-angolu medjali tas-*supra orbital ridge* tal-lemin u kienet akkumpanjata minn tbenġila ta' kulur vjola. Kien hemm ukoll *peri-orbital hematoma* madwar l-għajn il-leminija akkumpanjata minn tbenġila taħt l-għajn ta' kulur vjola u abrażjoni fuq in-naħa tal-lemin tal-wiċċ 'l isfel mini-*naso labial fold*. Kien hemm abrażjonijiet fuq in-naħa tal-lemin tax-xoffa ta' fuq tal-ħalq u abrażjonijiet ukoll fuq in-naħa tal-lemin tal-imnieħer. Kien hemm abrażjoni fuq l-aspett anterjuri tal-pala tal-id ix-xellugija u tbenġila ta' kulur vjola assoċjata ma erba' abrażjonijiet żgħar fuq l-aspett laterali f'tarf t'isfel. Mir-riżultat tas-*CT Scan* irriżulta li l-parte ċivile ġarrab *undisplaced fracture* tan-*nasal bones*. Huwa kkonkluda li dawn il-leżjonijiet huma kompatibbli ma' swat. Fix-xhieda tiegħu hu jikkonferma li l-frattura tal-imnieħer hija klassifikata bħala gravi *per durata*. In kontro-eżami[24] hu kkonferma li l-parti

[19] Ara x-xiehda mogħtija fis-7 ta' Frar 2020, a fol. 308 tal-atti proċesswali.
[20] Ara Dok "MC1" a fol. 310 tal-atti proċesswali.
[21] Ara x-xiehda mogħtija fit-03 ta' April 2023, a fol. 542 tal-atti proċesswali.
[22] Ara x-xiehda mogħtija fit-12 ta' Marzu 2020, a fol. 329 tal-atti proċesswali.
[23] Ara Dok "MS1" a fol. 332 tal-atti proċesswali.
[24] Ara x-xiehda mogħtija fid-29 ta' Lulju 2022, a fol. 477 tal-atti proċesswali.

li identifika bħala ta' natura gravi hija l-*fractured nose* peress li din ddum madwar sitt ġimgħat biex tfieq u li wara li eżaminaħ l-ewwel darba, hu ma reġax eżaminaħ aktar.

Ikkonsidrat:

Illi l-ewwel akkuża miġjuba fil-konfront tal-akkużat hija dik ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza, mezz, valur, lok u bil-ħin.

Illi mill-filmati ppreżentati in atti jirriżulta li fil-ħin tas-serqa persuna tidher miexja ħdejn ir-residenza tal-vittma b'wiċċha mgħotti, liema persuna tidher qed titla' mal-katusi tal-faċċata u liema persuna tidher, ftit minuti wara, ħierġa mill-bieb ta' barra tal-vittma, liebsa qisu *hoodie* fuq rasha u wiċċha ma jidhirx mgħotti, għalkemm ma tintgħarafx. Il-ħin ta' meta seħħet din l-attività jikkombaċja mal-ħin tas-serqa u l-verżjoni mogħtija mill-vittma tikkomabċja wkoll mad-dinamika murija fil-filmat. Filfatt, il-vittma jgħati dettalji li l-malvivent daħal mill-bieb tal-gallarija u kellu wiċċu mgħotti, li waqt l-aggressjoni huwa ġibidlu x-xalla minn ma wiċċu u li kif intemmet l-aggressjoni, il-malvivent ħareġ mill-bieb ta' barra u deher li kien jaf id-dar kif kienet. Illi di più, l-espert imqabbad fl-*in genere* kompla jsegwi l-movimenti ta' din il-persuna sa' Triq Rikkardu Taylor, Bormla fejn hemmhekk din il-persuna tidher qed tilbes xi ħaġa u ġġorr basket magħha. Illi minn viżwal ta' wiċċ din il-persuna, flimkien mas-suspett li kellu l-vittma, il-Pulizija waslu biex jindividwalizzaw lill-akkużat Sean Grech bħala l-awtur suspettat ta' dawn ir-reati.[25]

Illi però din m'hijiex l-unika prova li torbot lill-akkużat mad-delitt *de quo*. Illi l-vittma kkonferma li waqt l-aggressjoni, hu neħħa x-xalla minn ma wiċċ l-aggressur, liema xalla nstabet fil-kamra tas-sodda tal-vittma ftit siegħat wara. Minn eżami tad-DNA misjub fuq din ix-xalla, irriżulta ċar li hemm

[25] Ara x-xhieda tal-Ispettur Lydon Zammit mogħtija fit-28 ta' Novembru 2019, a fol. 18 tal-atti proċesswali.

DNA kemm tal-vittma kif ukoll tal-akkużat. Illi din il-prova empirika ma tħalli ebda dubju li f'xi ħin, u għal xi raġuni, din ix-xalla misset ma Sean Grech.

Illi fl-istqarrijiet tiegħu, mistoqsi sabiex jispjega dwar kif din ix-xalla spiċċat fil-kamra tal-vittma, l-akkużat jispjega li hu għandu post viċin ħafna ta' fejn seħħ dan l-akkadut fejn fiħ iżomm il-ħwejjeġ u li għandu aċċess għaliħ kulħadd u li jista' jkun li xi ħadd tefgħalu dik ix-xalla hemm. Illi din il-verżjoni mogħtija, fil-fehma tal-Qorti, ma treġix. Dan għal żewġ raġunijiet; fl-ewwel lok, ma nġabet ebda raġuni jew ċirkostanza li tispjega r-raġuni għalfejn terza persuna kellha propju tieħu biċċa ħwejjeġ tal-akkużat u titfagħhom fil-kamra tal-vittma u, fit-tieni lok, id-DNA misjub fuq iċ-ċarruta kien biss ta' Sean Grech u tal-vittma u ta' ebda persuna oħra.

Illi di più, fl-istqarrijiet tiegħu l-akkużat huwa evażiv ħafna fir-risposti, u għalkemm f'ċerta domandi newtrali huwa jiftakar id-dettall, f'domandi aktar mgħobbija huwa ma jiftakarx dettalji. Hekk, per eżempju, wara li jikkonferma li dakinhar huwa ltaqa' ma Toni tal-iSkoda, ma jiftakarx x'għamel fil-ħin ta' wara li telaq minn ħdejħ, senjatament fil-ħin tar-reat. Illi l-akkużat mhux konsistenti fit-tweġibiet tiegħu ħlief għall-insistenza tiegħu li huwa m'għandux x'jaqsam ma dan ir-reat.

B'hekk, jirriżulta lill-Qorti, kemm mix-xhieda tal-vittma kif ukoll mill-eżami tal-filmat tas-CCTV li din ix-xalla kienet qed tintlibes mill-malvivent fil-ħin tat-twettiq tar-reat u li b'riżultat tal-agressjoni, l-malvivent ħalla din ix-xalla warajħ. Di più, mir-riżultati tad-DNA joħroġ ċar li din ix-xalla kienet ntużat minn Sean Grech u b'hekk, fl-assjem ta' dawn il-provi, il-Qorti hija konvinta li l-akkużat Sean Grech kien il-persuna li effettivament wettaq dawn ir-reati.

Ikkonsidrat;

Illi stabbilit in-*nexus* bejn it-twettiq tar-reati u l-akkużat, jirriżulta ampju li l-akkużat ħebb għall-vittma u kkawżalu offiża fuq il-persuna, kif *del resto* ċċertifikat minn Dr. Simon Micallef u minn Dr. Mario Scerri. Illi di più, l-vittma xehed ukoll li fil-ħin tal-aggressjoni hu ħass xi ħaġa iebsa ma persuntu u wara rriżulta li kien mus. Dan il-mus m'huwiex propjetà tal-

vittma u b'hekk jirriżulta li dan il-mus ittieħed fuq il-lok mill-istess akkużat. Illi l-Artikoli 262(1)(a) u (b) jikkonsidraw propju meta s-serq ikun akkumpanjat b'offiża fuq il-persuna u meta l-ħalliel jippreżenta ruħu armat. Fil-fehma tal-Qorti, l-akkużat ssodisfa dawn iż-żewġ kwalifiki u b'hekk dan is-serq huwa kwalifikat bil-"vjolenza";

Illi ġie pprovat ukoll għas-sodisfazzjon tal-Qorti illi sabiex jitwettaq dan ir-reat, l-akkużat arrampika ruħu mal-katusi li jinstabu fuq il-faċċata tar-residenza tal-akkużat biex jaċċedi għall-kamra tas-sodda tiegħu. Illi l-Artikolu 263(a) tal-Kap. 9 jistipola li s-serq huwa kwalifikat bil-mezz meta jsir, *inter alia* bi skalata, filwaqt li l-Artikolu 266 jiddefinixxi skalata bħala kull dħul li jsir minn band' oħra barra mill-bibien li ordinarjament qegħdin għal daqshekk, sew jekk id-dħul isir bil-mezz ta' sellum, ħabel jew b'xi mezz ieħor. Illi fil-każ de quo, id-dħul sar bil-mezz tat-tlugħ mal-katusi u b'hekk, fil-fehma tal-Qorti din il-kwalifika ġiet ampjament sodisfatta.

Illi dwar il-kwalifika tal-valur, ġie pprovat mill-vittma illi l-valur komplessiv tal-oġġetti misruqa huma ta' €5,235, liema ammont jeċċedi dak stipolat mill-Artikolu 267 u l-Artikolu 279(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u b'hekk anke din il-kwalifika ġiet ampjament sodisfatta.

Illi finalment, ġie pprovat ukoll għas-sodisfazzjon tal-Qorti illi s-serqa saret fid-dar ta' abitazzjoni tal-vittma u li sar bil-lejl. B'hekk, il-kwalifiki tal-"lok" ai termini tal-Artikolu 269(g) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-"ħin" ai termini tal-Artikolu 270 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew ampjament sodisfatti wkoll.

Illi miċ-ċertifikat tat-twelid tal-vittma, jirriżulta ċar illi fil-mument tas-serqa kellu wieħed u sebgħin sena (71), ċioe' ferm aktar mill-parametri stabbiliti mill-Artikolu 276A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi b'hekk, din l-ewwel akkuża ġiet ampjament sodisfatta da parti tal-prosekuzzjoni.

Ikkonsidrat;

Illi t-tieni akkuża miġjuba mill-Avukat Ġenerali fin-Nota tar-Rinviju għall-Ġudizzju tiegħu hija dik marbuta ma' ġrieħi ta' natura gravi.

Illi mir-rapport ppreżentat minn Dr Mario Scerri u anke mill-kontro-eżami tiegħu jirriżulta illi għalkemm il-vittma sofra diversi ġrieħi, l-unika waħda ta' natura gravi hija l-ksur tal-għadma ta' l-imnieħer, liema offiża hija *gravi per durata*, ċioè li ddum aktar minn tletin ġurnata sabiex tfieq ai termini tal-Artikolu 216(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi dan ġie kkonfermat ukoll minn Dr. Simon Micallef, mill-Isptar Mater Dei li eżamina lill-vittma ftit wara t-twettiq tal-aggressjoni. Illi b'hekk, ebda waħda mill-ġrieħi kkawżati mill-akkużat ma jinkwadraw ruħhom fl-estremitajiet misjuba fl-Artikolu 218 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk il-Qorti hija sodisfatta li anke din it-tieni akkuża ġiet sodisfatta, iżda ai termini tal-Artikolu 216 u mhux 218 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ikkonsidrat;

Illi t-tielet akkuża tirrigwardja l-offiża ta' arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-liġi.

Illi kif ġie ritenut fis-sentenza **il-Pulizija vs Seykou Ballde**,[26] *"Ir-reat t'arrest illegali jinkludi fih tliet ipoteżi differenti u ċjoe dik tal-arrest, taż-żamma jew tas-sekwestru tas-suġġett passiv*." Aktar 'l quddiem fl-istess sentenza, dik il-Qorti tikkwota lil Francesco Sav. Arabia [I Principi del Diritto Penale, 2a. Edizione, Volume 1, Napoli, 1859, page 48.] fejn jingħad li:

> *"Arresta chi privando un'uomo della sua liberta' lo riduce in luogo chiuso ma riconosciuto come carcere, o anche lo consegni ad una autorita' pubblica: detiene chi trovando altri in luogo chiuso gl'impedisce di uscirne: sequestra chi priva altri della sua liberta' separadolo dal consorzio di coloro da cui potrebbe essere*

---

[26] **il-Pulizija vs Seykou Ballde**, Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, 11 ta' Lulju 2016,

*soccorso. Da queste tre voci usate dal legislatore e che nell'linguaggio legale non pare che possono avere una distinzione diversa da quella che abbiamo indicato, e' chiaro come qualunque impedimento alla liberta' civile e' compreso nella sanzione di questo articolo."*

Illi fis-sentenza **il-Pulizija vs Keith Camilleri**[27], il-Qorti tiċċita s-segwenti:-

*"Il-Professur Sir Anthony Mamo, fin-noti tieghu fuq il-ligi kriminali, jiccita lil Roberti li jghid: "**Il reato preveduto nell'articolo 169" (l-artikolu 86 taghna) "esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o cammina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quel luogo ove si trova; sia quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro."** [Roberti, Corso Completo,para. 323 kif citat f'Notes on Criminal Law, Vol. II, Prof. Sir Anthony Mamo p. 35.]*

*Francesco Antolisei jghid: "**E` necessario, peraltro, che la perdita della liberta` si protragga per un periodo di tempo di un certo rilievo."***

Illi miċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, u mill-provi prodotti jirriżulta illi l-akkużat żamm fiżikament lill-vittma fil-mument li huma kellhom l-alterkazzjoni fejn l-akkużat ried jisraq iċ-ċappetti u l-ġiżirana minn fuq persunt' il-vittma u l-vittma, min-naħa tiegħu, kien qed jiddefendi lilu nnifsu u jirreżisti s-serqa.

Fil-fehma tal-Qorti, din iż-żamma fiżika għandha titqies bħala mezz għall-fini tas-serqa ppjanata aktar milli arrest, żamma jew sekwestru bħala reat indipendenti. Dan qed jingħad għaliex iż-żamma tal-vittma kienet qed issir

[27] **Il-Pulizija vs Keith Camilleri**, Qorti tal-Appell Kriminali, 13 ta' Ottubru 2010 (Appell Krim. Nru 178/2010).

fl-istess ħin tas-serqa u tal-aggressjoni u la ppreċediet u lanqas ma seħħet wara s-serqa jew aggressjoni.

B'hekk, fil-fehma tal-Qorti, din l-akkuża ma ġietx suffiċjentement ipprovata mill-prosekuzzjoni sal-grad rikjest mil-liġi.

Ikkonsidrat;

Illi dwar ir-raba' imputazzjoni il-Qorti tinnota illi fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju, l-Avukat Ġenerali ma indikax l-Artikoli relevanti għal din l-imputazzjoni, ċioè dik tal-ksur tal-provvediment tal-Kap 446 artiklu 7 tal-Liġijiet ta' Malta kif b' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-30 ta' Awwissu 2019.

Illi d'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għal dak ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija vs Michael Carter**[28] fejn jingħad:

> *"Meta, invece, ir-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura wiehed qed jitkellem fuq ghall-anqas reat wiehed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali), in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali...*
>
> *omissis*
>
> *...l-Avukat Generali rrinvija mhux skond l-Artikolu 433(5) izda skond l-Artikolu 370(3); ghalhekk ma jistax jippretendi li l-Qorti Inferjuri setghet issib lill-appellat hati ta' xi reat iehor, salv, naturalment, dak li ghadu kif inghad dwar it-tentattiv, ir-reat anqas gravi izda kompriz u involut, u l-komplicita`.*

Illi b'hekk, ladarba l-Avukat Ġenerali għoġbu ma jindikax dan l-artikolu, din il-Qorti hija prekluża milli tieħu konjizzjoni ta din l-imputazzjoni.

[28] **Il-Pulizija vs Michael Carter**, Qorti tal-Appell Kriminali, 7 ta' Diċembru 2001 (Appel Nru 82/2001 VDG).

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tal-addebitu tar-reċidiva, xehdet ir-Reġistratur tal-Qorti Kirminali u Tribunali fejn ikkonfermat:

- is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali datata t-30 ta' Awwisu 2019, fejn l-akkużat instab ħati;[29]

- is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali datata l-1 ta' Diċembru 2015 fejn l-akkużat instab ħati;[30]

- is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali datata t-13 ta' Marzu 2012, fejn l-akkużat instab ħati;[31]

- is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali datata t-13 ta' Novembru 2013, fejn l-akkużat instab ħati;[32]

- is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali datata t-3 ta' April 2014, fejn l-akkużat instab ħati;[33] u

- is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali datata 6 ta Marzu 2013 fejn l-akkużat instab ħati.[34]

---

[29] Ara Dok "FF1" a fol. 378 tal-atti proċesswali.
[30] Ara Dok "FF2" a fol. 381 tal-atti proċesswali.
[31] Ara Dok "FF3" a fol. 386 tal-atti proċesswali.
[32] Ara Dok "FF4" a fol. 378 tal-atti proċesswali.
[33] Ara Dok "FF5" a fol. 388 tal-atti proċesswali.
[34] Ara Dok "FF6" a fol. 389 tal-atti proċesswali.

Illi mill-konnotati indikati fis-sentenzi eżebiti, kif ukoll mix-xhieda mogħtija mir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali, din il-Qorti hi sodisfatta illi dan l-addebitu ġie sodisfaċentement ipprovat.

**Deċide:**

Għal dawn ir-raġunijiet, u għar-raġunijiet kollha sopra esposti, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 7, 15A, 17, 20, 23, 23B, 23Ċ, 28A, 28B, 31, 49, 50, 86, 87(1)(e), 214, 215, 216, 218, 222A(1), 261(a)(b)(ċ)(e)(f), 262(1)(a)(b)(2), 263, 264, 266, 267, 269(g), 270, 274(b), 275, 276A, 277(b), 280(2)(3), 289, 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lil **Sean Grech** ħati tal-ewwel u t-tieni akkuża dedotti kontra tiegħu u qed tilliberaħ mill-bqija filwaqt li qed tikkundannaħ għall-piena komplessiva ta **ħames snin (5)** priġunerija effettiva.

In oltre, wara li rat l-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tikkundanna lill-ħati jħallas minnufiħ lil Emanuel Buġeja s-somma ta' ħamest' elef, mitejn u ħamsa u tletin Ewro (€5,235) rappreżentanti l-valur tal-oġġetti misruqa mill-akkużat.

In oltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tagħmel ordni ta' trażżin fil-konfront tal-akkużat a favur ta' Emanuel Buġeja għall-perjodu ta' sentejn (2) li għandu jibda jiddekorri mid-data tal-iskadenza jew maħfra tal-piena mogħtija b'din is-sentenza u dan bil-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet mogħti kontestwalment;

Illi b'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tikkundanna lil Sean Grech jħallas lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali s-somma komplessiva ta' tlett elef, tmien mija u sitt Ewro u ħamsa u tmenin

ċenteżmu (€3,806.85) rappreżentanti spejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti f'dawn il-proċeduri

**Ft.Dr. Leonard Caruana B.A., LL.D., M.A (Fin. Serv)**
Maġistrat

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**